MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 33/1997/1

John Bosco Bonaci, Sebastiano Bonaci,
Georgette Bonnett u Maria Baldacchino Kerr
V
Vincent Curmi bhala Amministratur tal-eredita`
tal-mejjet Markiz John Scicluna, u Corinne
Ramsey u Mignon Marshall.

Il-Qorti;

Dawn huma proceduri fejn qed tintalab li previa r-revoka ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-21 ta' Jannar 2004 fil-kawza rikors numru 33/97 fl-ismijiet "Vincent Curmi bhala amministratur ta' l-eredita` tal-mejjet Markiz John Scicluna, u bhala prokuratur tal-assenti Corinne Ramsey u Mignon Marshall vs John Bosco Bonaci, Sebastiano Bonanci, Georgette Bonnett u Maria Baldacchino Kerr" a tenur ta' l-Artikolu 811(c), (e) u (i) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u dana billi s-sentenza nghatat kontra persuna li ma kienetx legittima stante li nghatat fir-rigward ta' prokuratur ta' persuna li f'diversi epoki tal-kawza kienu prezenti f'Malta, u fis-

sentenza hemm applikazzjoni tal-ligi hazin u “mala applicazione della legge” stante nuqqas ta’ konjizzjoni tal-aggravji, u s-sentenza tikkontjeni disposizzjonijiet kontradittorji, din il-Qorti tordna r-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza u billi fil-mertu tilqa’ l-appell interpost mir-rikorrenti bl-ispejjes kollha kontra l-intimati.

Fir-rikors promotur qed jigi sottomess is-segwenti:
“1. Illi b’rikors numru 33/97 ipprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera (fl-ismijiet premessi) ir-rikorrent (Vincent Curmi pro et noe) wara li ppremetta li huwa fil-kwalitajiet imsemmija jikri lil Mary Anne Bonaci Bianco, armla ta’ Espedito, il-fond numru 153/155, Triq Santa Lucia, Valletta, bil-kera ta’ LM120 fis-sena, tithallas bis-sena ‘l quddiem, l-ewwel skadenza fl-1 ta’ Lulju, 1997, u li huwa sar jaf li fil-bidu tas-snin tmenin Mary Anne Bonaci Bianco issullokat jew cediet il-lokazzjoni tal-fond imsemmi, u li huwa ilu jirrifjuta l-kera tal-fond imsemmi sa mill-1 ta' Lulju’1983, u li l-imsemmija Mary Anne Bonaci Bianco mietet fit-2 ta' Lulju’1986, u li l-intimati huma werrieta taghha, talab li l-Bord jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond numru 153/155 Triq Santa Lucia, Valletta, billi okkorrendo jipprefiggi terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament tal-istess intimati.

“2. Illi fir-risposta taghhom l-intimati eccepew: (a) In linea preliminari, li Sebastiano Bonaci, Georgette Bonnett u Maria Baldacchino Kerr m’humiex il-legittimu kontraditturi tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti nomine u ghandhom jigu liberati mil-osservanza tal-gudizzju billi huma ma jivvantaw l-ebda jedd dwar il-fond mertu tal-kawza; (b) illi, bla pregudizzju ghall-premess, ghandha ssir il-prova tal-mandat imsemmi mir-rikorrent sabiex jistitwixxi l-procedura; (c) illi, fil-mertu, it-talba tar-rikorrent hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt billi omm l-intimati m’ghamlet l-ebda sullokazzjoni jew cessjoni tal-fond mertu tal-kawza, u l-intimati kienu jgawdu l-jedd tal-lokazzjoni fuq il-fond imsemmi bis-sahha ta’ legat imholli lil John Bosco Bonaci fit-testment ta’ ommu; u (d) illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent nomine ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

“3. Illi b’sentenza moghtija fid-29 ta’ Jannar, 2002, il-Bord li Jirregola l-Kera, iddecieda li billi kien jirrizulta li saret cessjoni tal-kirja tal-fond de quo, laqa’ t-talba tar-rikorrent nomine u awtorizzah jirriprendi pussess tal-fond, u ghall-fini tal-izgumbrament, ipprefigga t-terminu ta’ 3 xhur; l-ispejjes jithallsu mill-intimati. Dan wara li l-Bord qal li skond il-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara l-mewt tal-armla Mary Anne Bonaci Bosco, il-kirja tal-fond ghaddiet fuq uliedha kollha bhala werrieta taghha li kienu l-legittimi kontradditturi, u ghalhekk il-Bord kien qed jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari.

“4. Illi l-intimati fil-kawza premessa hassuhom aggravati bis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera moghtija fid-29 ta’ Jannar, 2002, kif ukoll bir-revoka contrario imperio tad-decizjoni li l-Bord ta fil-21 ta’ Jannar, 1998, li biha kien cahad it-talba tar-rikorrenti a tenur tal-artikolu 33 tal-Kap 69, u interponew appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell. L-intimati appellanti talbu lill-Qorti ta’ l-Appell (a) tirrevoka d-decizjoni contrario imperio moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-seduta tal-21 ta’ Jannar 1998, li permezz taghha l-Bord irrevoka d-decizjoni li biha kien cahad it-talba tar-rikorrent nomine; u (b) fin-nuqqas, tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fid-29 ta’ Jannar, 2002, billi tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-ripreza tal-pussess tal-fond de quo da parte tar-rikorrent nomine appellat; bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-appellat nomine.

“5. Illi fir-rikors ta’ l-appell l-intimati appellanti issottomettew li l-aggravji taghhom kienu:

(a) Id-decizjoni tal-Bord tal-21 ta’ Jannar, 1998, li jirrevoka contrario imperio d-decizjoni tieghu li jichad it-talba rikorrenti (ara fol. 6), ma kienetx regolari u konsentita mil-ligi. Ghalhekk dik id-decizjoni kellha tigi revokata, u d-decizjoni originali tal-Bord li biha kien cahad ir-rikors promotur, kellha tigi ripristinata; bl-ispejjes kontra r-rikorrent nomine appellat.

(b) Minghajr pregudizzju ghall-premess, id-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera li sostniet li kien hemm

trasferiment tal-kirja tal-fond de quo minn fuq Mary Anne Bonaci Bianco ghal fuq John Bosco Bonaci, ma kienetx tirrizulta mill-provi prodotti, u kwindi d-decizjoni ma kienetx legalment sostenibbli. Infatti, jekk il-kirja de quo kienet tappartjeni lil Mary Anna Bonaci Bosco (sic), it-trasferiment tad-drittijiet tal-inkwilinat minn ghand Sebastiano Bonaci, Georgette Bonnett u Maria Baldacchino Kerr, lil John Bosco Bonaci, ma avveratx ruhha, ghaliex il-kirja ma kienetx tappartjeni lilhom.

(c) Anki jekk l-intimati Georgette Bonnett u Maria Baldacchino Kerr jitqiesu li fil-fatt kienu ttrasferew l-istma (recte 'ishma') taghhom tal-inkwilinat tal-fond de quo lil huhom John Bosco Bonaci, la darba huwa kien ko-inkwilin, ma kienx hemm ic-cessjoni indebita li tiggustifika t-talba rikorrenti ghar-ripresa tal-pussess tal-fond. Di piu`, tali trasferiment tal-istma (recte 'ishma') tal-inkwilinat minn ghand Georgette Bonnett u Maria Baldacchino Kerr ma kienx gie premess mir-rikorrent appellat bhala gustifikazzjoni ghat-talba rikorrenti, ghaliex fir-rikors promotur kien inghad biss li l-omm, Mary Anne Bonaci Bianco, kienet issullokat jew cediet il-lokazzjoni tal-fond de quo.

(d) Il-Bord li Jirregola l-Kera kien naqas li jaghti kas ix-xhieda tal-accountant John Attard li kien iddikjara li ma kien jaf bl-ebda ftehim fejn l-imsemmija Mary Anne Bonaci "kienet b'xi mod qed tittrasferixxi jew iccedi l-jedd tal-kirja tal-hanut in kwistjoni lill-intimat John Bosco Bonaci" (ara fol. 77). Kif kien sostna l-istess xhud, il-jedd tal-inkwilinat kellu jghaddi lil John Bosco Bonaci bis-sahha tad-disposizzjoni testamentari, wara l-mewt ta' Mary Anne Bonaci Bianco.

"6. Illi l-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza moghtija fil-21 ta' Jannar, 2004, iddecediet l-appell billi ma laqghetx it-talba tal-appellanti ghar-revoka tad-decizjoni contrario imperio tal-21 ta' Jannar, 1998, u ma laqghetx it-talba tal-intimati appellanti ghar-revoka tas-sentenza li l-Bord li Jirregola l-Kera kien ta fid-29 ta' Jannar, 2002, u cahad l-appell kollu u kkonferma s-sentenza appellata tad-29 ta' Jannar, 2002, b'dan li t-terminu ta' tlett xhur prefiss ghall-fini ta' l-

izgumbrament kellu jibda jiddekorri mil-gurnata tas-sentenza; u l-ispejjes tal-istanza ta' l-appell ikunu sopportati kollha mill-intimati appellanti.

"7. Illi l-intimati appellanti fil-kawza tar-Rikors Numru 33/97 fl-ismijiet "Vincent Curmi nomine vs John Bosco Bonaci et" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Jannar 2004, jissottomettu li hemm ragunijiet li minhabba fihom il-kawza ghandha tigi ritrattata, u per mezz ta' dan ir-rikors maghmul minn John Bosco Bonaci, Sebastiano Bonaci, Georgette Bonnett u Maria Baldacchino Kerr kontra Vincent Curmi bhala amministratur ta' l-eredita ` tal-mejjet Markiz John Scicluna, u kontra Corinne Ramsay u Mignon Marshall, huma qeghdin jitolbu li s-sentenza imsemmija tal-21 ta' Jannar 2004, fil-kawza imsemmija, tigi mhassra, u li l-imsemmija kawza tigi ritrattata, ghar-ragunijiet segwenti.

"8. Illi fis-sentenza de quo, ghar-rigward tal-aggravju dwar id-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera li fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet premessi, Rikors numru 33/97, irrevokat contrario imperio d-decizjoni tieghu li biha kien cahad it-talba rikorrenti (ara fol. 6), giet applikata l-ligi hazin, u anki fiha disposizzjonijiet kontra xulxin: ragunijiet dawn ghal ritrattazzjoni, skond l-artikolu 811(e) u 811 (i) rispettivament tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili rispettivament.

"L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell l-ewwel stabbiliet li dan l-aggravju kien ibbazat fuq il-proviso ta' l-artikolu 33 tal-Kap 69, li jiddisponi li "ir-rikorrent jista', fi zmien sitt ijiem minn dik id-decizjoni" li jichad it-talba meta r-rikorrent u l-avukat tieghu ma jidhrux meta jissejjah ir-rikors, "jaghmel rikors lill-Bord biex it-talba tieghu tigi mismugha mill-gdid, kemm id- darba hu jissodisfa lill-Bord bir-raguni li jaghti talli jkun naqas li jidher." Izda, il-Qorti ta' l-Appell, innutat li l-artikolu 33 imsemmi, qabel l-imsemmi proviso, jipprovdi li "Jekk ir-rikorrent ma jidhirx ghas-smigh tar-rikors, il-Bord jiigetta (sic) t-talba u jordna li l-ispejjes jithallsu mir-rikorrent" (sottolinear ta' dik il-Qorti).

"Fit-tieni lok, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irriteniet li la darba l-Bord kien sejjah il-kawza qabel il-hin li kien gie avvzat fid-differiment precedenti tal-kawza, dak li sar mil-Bord qabel dak il-hin, "seta' jigi konsidrat daqs li kieku ma sar xejn", u "la darba fil-21 ta' Jannar 1998 ir-rikors odjern kellu jinstema' fis-12.45, qabel dak il-hin ma setghax jigi applikat l-artikolu 33 tal-Kap 69, u dan peress li ma setghax jinghad illi r-rikorrent naqas illi jidher ghas-smigh tar-rikors. Ghalhekk, kien korrett il-Bord li Jirregola l-Kera illi, meta ngieb a konjizzjoni tieghu dak illi evidentement kien sar bi svista, iregga kollox ghall-istatus quo ante billi jirrevoka d-decizjoni tieghu in kwistjoni mehuda ai termini ta' l-artikolu 33 tal-Kap 69".

"L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irriteniet li d-decizjoni originali tal-Bord li Jirregola l-Kera setghet tigi kkunsidrata li ma kienetx saret, fl-istess waqt li rriteniet li l-Bord kien korrett li jreggi kollox lura billi "jirrevoka d-decizjoni tieghu". Wiehed jirrevoka xi haga li ghamel, mhux xi haga li seta jikkunsidra li ma saretx. U l-Bord rrevoka contrario imperio d-decizjoni li biha kien cahad it-talba tar-rikors promotur.

"Skond l-artikolu 33 tal-Kap 69, il-Bord li Jirregola l-Kera, wara li jippronunzja sentenza li permess taghha jirrigetta t-talba jekk ir-rikorrent ma jidhirx ghas-smigh, ghandu, jekk ikun sodisfatt bir-raguni li r-rikorrent jaghti talli naqas li jkun deher, jilqa' t-talba biex ir-rikors jigi mismuh mill-gdid, jekk it-talba ssir b'rikors fi zmien sitt ijiem mid-decizjoni tal-Bord.

"It-talba tar-rikorrent trid issir permezz ta' rikors ghar-riappuntament tal-kawza.

"F'dan il-kaz, ma sarx rikors ghar-riappuntament tal-kawza, u l-Bord ma irriappuntax il-kawza, izda, skond il-verbal tas-seduta tal-Bord tal-21 ta' Jannar 1998, il-Bord iddiferixxa l-kawza ghall-provi kollha tar-rikorrent.

"Ghaldaqstant ir-rikorrenti odjerni qeghdin jissottomettu li s-sentenza tal-Qort ta' l-Appell tal-21 ta' Jannar, 2004 fir-rikors numru 33/97 tikkontjeni disposizzjonijiet kontra

xulxin u applikat il-lig hazin, fir-rigward tac-cahda tal-aggravju dwar ir-revoka contrario imperio tad-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-21 ta’ Jannar 1998.

“9. Illi in oltre, is-sentenza de quo, ghar-rigward taz-zewg aggravji dwar il-meritu, ma kienetx skond il-ligi ghaliex kienet applikat l-ligi hazin peress li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell naqset li tiehu konjizzjoni tal-aggravji fuq il-meritu fir-rikors promotur u ma haditx in kunsiderazzjoni xierqa l-aggravji sottomessi fir-rikors ta’ l-appell.

“Infatti, fl-appell ma kienx hemm l-opportunita` li l-aggravji jigu trattati, u ma gewx trattati, peress li l-ewwel aggravju biss gie trattat.

“Ghar-rigward tal-aggravji msemmija, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell qalet hekk:

“Ikkunsidrat:
Illi dak kollu li qalu l-intimati fir-rikors ta’ appell taghhom dwar is-sentenza appellata tad-29 ta’ Jannar, 2002, jammontaw ghal sottomissjonijiet li f’din is-sentenza l-Bord li Jirregola l-Kera ghamel apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemu;

Illi huwa risaput illi l-Qorti ta’ tieni grad, hlief ghal ragunijiet serji, ma tiddisturbax l-apprezzament hazin tal-provi illi ssir minn Qorti ta’ l-ewwel grad (fil-kaz odjern, il-Bord li Jirregola l-Kera). Dina l-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti u s-sentenza appellata, ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament akkurat u dettaljat tal-provi prodotti maghmul mill-Bord li Jirregola l-Kera, apprezzament li wassal lill-imsemmi Bord sabiex fil-paragrafu enumerat (13) tas-sentenza appellata, jikkonkludi korrettement illi:

‘hawn si tratta ta’ trasferiment tal-kirja meta l-kirja kienet tghajjat lil Mary Anne Bonaci ….. Fl-ahhar is-sid gie mitlub jaccetta dak li sar, meta ma dawwarx il-kirja fuq l-intimat John Bosco Bonaci, sar it-testment.’ Illi ghalhekk, it-talba ta’ l-intimati appellanti ghar-revoka tas-sentenza tal-Bord tal-Kera tad-29 ta’ Jannar, 2002, ma tistax tintlaqa’.”

"Din il-parti tas-sentenza hawn fuq iccitata tiddisponi minn dawn iz-zewg aggravji li kienu sottomessi fir-rikors ta' l-appell:

(i) Jekk il-kirja tal-fond de quo kienet tappartjeni lill-omm, cioe`, Mary Anne Bonaci Bianco, it-trasferiment tad-drittijiet tal-inkwilinat minn ghand Georgette Bonnett u Maria Baldacchino Kerr lil huhom, John Bosco Bonaci, ma setghax isehh, ghaliex il-kirja ma kienetx tappartjeni lilhom.

Il-Bord li Jirregola l-kera kien irritiena li Georgette Bonnett u Maria Baldacchino Kerr kienu ttrasferew l-istma taghhom tal-inkwilinat lil huhom John Bosco Bonaci. Izda la fil-fatt u lanqas fil-ligi, huma ma kellhomx sehem mid-dritt tal-inkwilinat. Infatti, ir-rikors promotur stess jghid li l-kirja tal-fond de quo kienet tappartjeni lil Mary Anne Bonnici Bianco, l-armla ta' Espedito. U skond il-Kap 69, artikolu 2, fil-kaz ta' hanut (u l-fond numru 153/155, Triq Santa Lucia, Valletta, huwa hanut), il-kelma inkwilin tinkludi l-armla ta' l-inkwilin (u f'dal-kaz, l-armla kienet precizament Mary Anne Bonaci Bosco).

In-nuqqas ta' l-norabbli Qorti ta' l-Appell li tiehu konjizzjoni ta' dan l-aggravju jammonta ghal "mala applicazione della legge" li tiggustifika ritrattazzjoni.

(ii) L-aggravju l-iehor li gie injorat, kien fis-sens li jekk Georgette Bonnett u Maria Baldacchino Kerr kellhom jitqiesu li fil-fatt ittrasferew l-ishma taghhom tal-inkwilinat tal-fond de quo lil John Bosco Bonaci, la darba dan kien ko-inkwilin, ma kienx hemm ic-cessjoni indebita ta' kirja li tiggustifka t-talba ghar-ripresa tal-pussess tal-fond mis-sid. Di piu`, tali trasferiment tal-ishma tal-inkwilinat minn ghand Georgette Bonnett u Maria Baldacchino Kerr lil John Bosco Bonaci ma kienx migjub bhala premessa ghall-gustifikazzjoni tat-talba rikorrenti ghar-ripresa tal-pussess tal-fond de quo, stante li fir-rikors promotur kien inghad biss li l-omm, Mary Anne Bonaci Bianco kienet issullokat jew cediet il-lokazzjoni tal-fond de quo.

"Mis-sentenza tal-21 ta' Jannar, 2004, moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, jirrizulta car li ebda konjizzjoni ma ttiehdet ta' dan l-aggravju sottomess fir-rikors ta' l-appell, u ghalhekk ukoll dan in-nuqqas jammonta ghal "mala applicazione della legge" li tiggustifika ritrattazzjoni.

"10. Inoltre, fir-rikors promotur numru 33/97, kemm fil-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, kif ukoll f'dawk quddiem il-Qorti ta' l-Appell, ir-rikorrenti Corinne Ramsy u Mignon Marshall kienu rapprezentati minn Vincent Curmi bhala prokuratur taghhom.

"Ma' tul dawn il-proceduri, Corinne Ramsay u Mignon Marshall kemm id-darba kienu prezenti f'Malta u ghalhekk ma' tul il-presenza taghhom f'Malta, Vincent Curmi ma setghax jirraprezenthom fil-proceduri gudizzjarji. Huma naqsu li jassumu l-atti stante li kienu jinsabu f'Malta.

"Inkwantoke` Vincent Curmi baqa' jidher fil-kawza fil-kwalita` tieghu ta' prokuratur ta' l-assenti Corinne Ramsay u Mignon Marshall meta dawn kienu f'Malta, huwa ma kienx persuna legittima fil-kawza f'dawk il-perjodi tal-presenza taghhom f'Malta, u f'dawk il-perjodi l-gudizzju ma kienx integru.

"La darba parti fil-kawza ma kienetx persuna legittima, tissussisti raguni ghal ritrattazzjoni skond l-artikolu 811 (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta.

"Ir-rikorrenti odjerni jitolbu bir-rispett li jaghmlu il-prova tal-presenza ta' Corinne Ramsy u Mignon Marshall f'Malta waqt il-proceduri tar-Rikors numru 33/97 quddiem il-Bord li jirregola l-Kera u quddiem il-Qorti ta' l-Appell, u dan permezz tal-istess persuni imsemmija."

Rat ir-risposta tal-intimat.
Ittrattat ir-rikors.

**Ikkunsidrat:**

L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa regolat fit-Titolu IV tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Dan ir-rimedju, li gie dejjem rikonoxxut bhala wiehed ta' natura straordinarja[1], jista' jigi biss nvokat biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi[2] u dejjem limitatament ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 811 tal-Kap 12, kif tassattivament jiddisponi l-Artikolu 813. Izda nkwantu dan ir-rimedju jammonta ghal deroga mill-principju *res judicata pro veritate habetur*[3] ghandu jinghata interpretazzjoni restrittiva.

Ir-rikorrenti odjerni qed jibbazaw it-talba taghhom ta' ritrattazzjoni fuq tlett paragrafi tal-Artikolu 811 fuq imsemmi li, in linea generali, jipprovdi li kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza. L-artikoli li jikkoncernaw din it-talba huma s-segwenti:
Art. 811(c) jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima, kemm-il darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' illegittimita`.
Art. 811(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; 'biss f'dan il-kuntest jinghad li' ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat-decizjoni;
Art. 811 (i) jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-Artikolu 811(c).

Qed jigi sottomess mir-rikorrenti li fil-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kif ukoll dawk fi stadju ta' l-appell, Vincent Curmi, li kien qed jirrapresenta lil Corinne Ramsay u Mignon Marshall, ma kienx il-persuna legittima billi dawn iz-zewg persuni kienu jkunu prezenti hawn Malta f'diversi okkazzjonijiet u bhala tali kellhom jassumu l-atti tal-kawza.

[1] Ara Carmelo Sultana vs Petronella Bugeja pr et noe – Appell 16/6/1959
[2] Ara Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna – Appell 26/4/1993
[3] Ara Giuseppe Darmanin ne et vs Virginia Cordina et – Appell 11/5/1936

Mill-banda l-ohra l-kontro-parti qed tissottometti li fl-ewwel lok Vincent Curmi huwa l-amministratur tal-eredita` tal-mejjet Markiz John Scicluna u bhala tali kien legittimu kontradittur inkwantu l-fond mertu tal-kawza jappartjeni lil din l-eredita`. Fit-tieni lok qed jigi rilevat li fil-proceduri in kwistjoni Vincent Curmi ma kienx qed jidher ghan-nom ta' Mignon Marshall li kienet presenti hawn Malta, izda ghan-nom ta' Corinne Ramsay. Finalment gie rilevat li din il-prova ma tinstabx in atti u li, fi kwalunkwe kaz, mhux permess li jingiebu provi ohra f'dan l-istadju ta' ritrattazzjoni.

Issa, apparti d-dritt ta' Vicncent Curmi li jirrapresenta l-eredita` tal-mejjet Markiz Scicluna, u jekk dan kienx effettivament qed jirraprezenta liz-zewg rikorrenti l-ohra jew lil Corinne Ramsay biss, jigi rilevat li ghalkemm fir-rikors promotur ir-ritrattandi kienu ghamlu talba specifika biex jinghataw il-fakolta` li jressqu l-provi taghhom dwar dan l-aggravju bix-xhieda ta' l-istess Corinne Ramsay u Mignon Marshall, jidher li din it-talba la giet mressqa fl-udjenza u lanqas ma gew imharrka l-imsemmija Ramsay u Marshall. Infatti fl-udjenza tas-16 ta' Gunju, 2004, li kienet l-unika udjenza li inzammet wara li kien hemm astensjoni tal-Imhallef Anton Depasquale skond ma jidher a fol. 132 tal-process, kull ma jinghad hu li dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom u li "Il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet." Jidher ghalhekk li kien hemm rinunzja tacita ta' din it-talba u konsegwentement ma tirrizulta ebda prova in atti dwar dak allegat mir-rikorrenti. Konsegwentement it-talba tar-rikorrenti bazata fuq is-subinciz (c) tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 mhux gustifikata w ghalhekk ser tigi michuda.

Ir-ragunijiet l-ohra mressqa mir-rikorrenti ghat-talba taghhom ta' ritrattazzjoni jikkoncernaw kemm dak li ddeciedit din l-Qorti fir-rigward tar-revoka 'contrario imperio' tad-decizjoni tal-21 ta' Jannar, 1998, kif ukoll dak li gie deciz minn din l-istess Qorti fuq l-appell interpost minnhom rigward il-mertu tal-kaz. Dawn ghalhekk ser jigu trattati separatament.

**Ir-revoka 'contrario imperio'.**

Fil-paragrafu (7) tar-rikors ta' l-appell mid-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera kien gie sottomess hekk:-
"(a) Id-decizjoni tal-Bord tal-21 ta' Jannar 1998 li jirrevoka contrario imperio id-decizjoni tieghu li jichad it-talba rikorrenti (ara fol. 6), ma kienetx regolari w konsentita mil-ligi. Ghalhekk dik id-decizjoni ghandha tigi revokata, u d-decizjoni originali tal-Bord li Jirregola l-Kera li biha kien cahad ir-rikors promotur, ghandha tigi ripristinata, bl-ispejjes kontra r-rikorrenti nomine appellat."

Ghall-fini tal-kompletezza qed jigi riprodott il-verbal tal-udjenza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera tal-21 ta' Jannar 1998. Hemm jinghad hekk:
"Meta ssejhet il-kawza deher biss ir-rapprezentant tal-intimat assistit mill-Av Joseph Micallef.

"La r-rikorrent u lanqas id-difensur tieghu msejjah tliet darbiet ma deherux.

"Il-Bord jichad it-talba a tenur tal-artikolu 33 tal-Kap 69 bl-ispejjes kontra r-rikorrent."

"Il-kawza giet deciza.

"Aktar tard meta saru s-12.45p.m., deher ir-rikorrent assistit mill-Av Marse-Anne Farrugia u ddikjaraw illi fil-lista u fil-verbal tas-seduta precedenti l-hin indikat huwa 12.45p.m. u mhux 11.45a.m.

"Wara l-Bord ghamel id-debiti verifiki jirrevoka d-decizjoni contrario imperio u jiddiferixxi l-kawza ghall-provi kollha tar-rikorrenti ghall-20 ta' Mejju, 1998 fl-10.45a.m. u jordna komunika lill-Av Joseph R. Micallef."

Fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar, 2004, li dwarha qed issir talba ghar-ritrattazzjoni, din il-Qorti fl-ewwel lok osservat illi l-appellanti ma kienu taw ebda raguni ghala huma kienu qed jissottomettu illi l-imsemmija decizjoni *contrario imperio* …. ma kienetx regolari u konsentita mil-ligi, biss kompliet tghid li "tifhem illi dina s-

sottomissjoni tal-appellanti hija bazata fuq il-*proviso* tal-artikolu 33 tal-Kap 69 illi jiddisponi hekk:
“Izda r-rikorrent jista’, fi zmien sitt ijiem minn dik id-decizjoni, jaghmel rikors lill-Bord biex it-talba tieghu tigi mismugha mill-gdid, kemm-il darba hu jissodisfa lill-Bord bir-raguni li jaghti talli jkun naqas li jidher.”

Dan premess bis-sentenza tal-21 ta’ Jannar, 2004 it-talba ghar-revoka tad-decizjoni *contrario imperio* ma gietx milqugha minn din il-Qorti wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi ma hemm ebda dubju illi dak kollu li sar quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawza odjerna fil-21 ta’ Janar, 1998 qabel ma gie verbalizzat dak kollu minn “Aktar tard meta saru s-12.45p.m.” ’l quddiem sar qabel is-siegha nieqes kwart ta’ wara nofs inhar (12.45) u, ghalhekk, seta’ jigi konsidrat daqs illi kieku ma sar xejn. Inoltre, la darba fil-21 ta’ Jannar, 1998 ir-rikors odjern kellu jinstema’ fis-12.45, qabel dak il-hin ma setax jigi applikat l-artikolu 33 tal-Kap 69, u dana peress illi ma setghax jinghad illi r-rikorrent naqas illi jidher ghas-smigh tar-rikors. Ghalhekk kien korrett il-Bord li Jirregola l-Kera illi, meta ngieb a konjizzjoni tieghu dak illi evidentement kien sar bi svista iregga’ kollox ghall-*istatus quo ante* billi jirrevoka d-decizjoni tieghu in kwistjoni mehuda *ai termini* ta’ l-artkolu 33 tal-Kap. 69.

“Huwa utili illi jigi rilevat illi waqt l-udjenza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera tal-20 ta’ Mejju, 1998 – l-ewwel wahda mizmuma wara l-udjenza tal-21 ta’ Jannar, 1998 – dehru kemm l-intimati u kemm id-difensur taghhom, l-Avukat (illum Imhallef) Dottor Joseph R. Micallef, u ma ssollevaw ebda ilment dwar id-decizjoni *contrario imperio* in kwistjoni (ara fol. 27).”

Is-subinciz (e) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti d-dritt ghar-ritrattazzjoni meta s-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Izda ghandu jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi,

basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.

Fir-rikors promotur qed jinghad li s-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar 2004 tikkontjeni disposizzjonijiet kontra xulxin u applikat il-ligi hazin, fir-rigward tac-cahda tal-aggravju dwar ir-revoka contrario imperio tad-decizjoni tal-Bord tal-21 ta' Jannar 1998.

Kif sewwa osserva l-intimat fir-risposta tieghu f'dawn il-proceduri, fil-gurisprudenza nostrana dwar dan il-kap ta' ritrattazzjoni u cioe` dak bazat fuq *mala applicazione della legge* dejjem gie ritenut "illi sabiex talba ghal ritrattazzjoni bbazata fuq din id-disposizzjoni tista' tirnexxi jrid jkun kaz fejn ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok ohra li kellha tigi proprjament applikata" u mhux "li applikat il-ligijiet it-tajba b'mod hazin."

Issa minn ezami akkurat tar-rikors promotur ma jirrizultax li 'test' hawn fuq enuncjat gie sodisfatt inkwantu f'ebda parti tar-rikors ma hu qed jigi citat xi provvediment tal-ligi li kellu jigi applikat. Fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fis-sentenza attakkata, jidher li sar apprezzament korrett tas-sitwazzjoni li kienet inholqot bid-decizjoni zbaljata li kienet giet pronunzjata mill-Bord li Jirregola l-Kera meta fil-21 ta' Jannar 1998, cahdet it-talba tar-rikorrenti a tenur ta' l-Artikolu 33 tal-Kap 69 wara li kkonstatat li la r-rikorrenti u lanqas id-difensur taghhom ma kienu deheru meta ssejhet il-kawza. Infatti l-interpretazzjoni moghtija minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata, liema interpretazzjoni mhux sindakabbli fi stadju ta' proceduri ghar-ritrattazzjoni, ma tinkwadrax bhala raguni valida ghat-talba ta' ritrattazzjoni a tenur tas-subinciz fuq citat. Inoltre jizdied li tali interpretazzjoni kienet wahda korretta billi ghalkemm id-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera kienet moghtija a tenur ta' l-Artikolu 33 tal-Kap 69, kif jinghad fil-verbal tal-istess data, ir-rekwiziti ghar-riappuntament tal-kawza imsemmija fil-proviso ma kienux applikabbli ghal kaz inkwantu, kif osservat din il-Qorti "*ma setghax jinghad illi r-rikorrent naqas illi jidher ghas-smigh tar-rikors.*" Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

Illi dwar l-aggravju bazata fuq l-Artikolu 811 (i) fejn qed jigi allegat li s-sentenza fiha disposizzjonijiet kontra xulxin jigi rilevat li l-gurisprudenza nostrana dejjjem irriteniet li biex ikun hemm raguni ghar-ritrattazzjoni dawn id-disposizzjonijiet kontradittorji jridu jinstabu fil-parti “dispositiva” u mhux fil-motivi tas-sentenza. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fit-3 ta’ April 1922 fil-kawza Giuseppe Luigi Bonnici vs Dottor Carlo Galea Naudi fuq l-imsenjament tal Mattirolo intqal hekk:

“la contradizione non si ha da ritrovare nei motivi della sentenza, poiche` ‘la decisione del Giudice sta nel dispositivo della sentenza non nei motivi che costituiscono soltanto la parte rationale, la spjegazione del dispositivo’: la contardizione invece, che puo fornire motivo di ritrattazione deve ritrovarsi nel dispositivo, poiche` quando vi e` siffatta contradizione manca la base della sentenza stessa, la certezza del giudicato, la quale e` esculsa e distrutta dalla contardizione delle varie disposizioni della sentenza, o meglio, dalle contradizioni nel dispositivo.”

Minn ezami tal-parti dispostiva tas-sentenza attakkata jidher li ma hemm ebda disposizzjonijiet kontradittorji nkwantu b’dik l-istess sentenza l-appell interpost kien semplicement qed jigi michud. Dan l-aggravju ukoll ghalhekk qed jigi michud.

**Dwar il-mertu.**

Qed jigi sottomess finalment li s-sentenza attakkata ma kienetx skond il-ligi ghaliex kienet applikat il-ligi hazin billi l-Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji fuq il-meritu tar-rikors promotur u ma haditx in kunsiderazzjoni xierqa l-aggravji sottomessi fir-rikors ta’ l-appell. Inoltre qed jinghad li fl-appell ma kienx hemm l-opportunita` li l-aggravji jigu trattati, u ma gewx trattati, peress li l-ewwel aggravju biss gie trattat.

Mil-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, jirrizulta li fl-udjenza tat-8 ta’ Ottubru, 2003, ghal liema data l-appell kien gie differit ghat-trattazzjoni (vide verbal tas-17 ta’ Frar, 2003) l-istess difensur tal-appellanti u sahansitra Dr Leon Bencini, li mill-

verbal ta’ l-udjenza tas-17 ta’ Marzu, 2003, jidher li kien qed jassocja ruhu ma Dr Karmenu Mifsud Bonnici, ma deherux. Dak inhar ghalhekk l-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensur ta’ l-atturi appellati u ddifferit il-kawza ghas-sentenza ghall-21 ta’Jannar 2004.

Dan qed jigi rilevat b’referenza ghal dak li inghad fir-rikors ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija fl-appell fejn gie allegat li gie trattat biss l-ewwel aggravju. Fil-verita` id-difensur tal-appellanti ma ghamel ebda sottomissjonijiet orali billi ma kienx attenda l-udjenza. Lanqas ma jidher li l-istess ritrattand fil-mori tad-differiment tal-appell ghas-sentenza, u cioe` f’periodu ta’ aktar minn erba’ xhur, ghamel xi talba biex jinghata l-opportunita` li jitratta l-appell jew li jipprezenta xi nota ta’ sottomissjonijiet in sostenn tal-aggravji minnu mressqa. Ghalhekk l-aggravju mressaq mir-rikorrent dwar in-nuqqas ta’ trattazzjoni tal-aggravji fil-meritu ma ghandu ebda fondament billi kien in-nuqqas tieghu stess, jew tad-difensur tieghu, li wassal ghal dak li issa qed isir ilment dwaru.

Dan premess jidher minn qari tar-rikors ta’ l-appell fil-proceduri li waslu ghas-sentenza li dwarha qed issir talba ghar-ritrattazzjoni, li l-aggravji fil-mertu gew dettaljatament esposti u ghalhekk ma jistax jnghad li dik il-Qorti ma kellhiex l-opportunita` li tikkunsidra dawn l-istess aggravji. Anzi minn dak li jinghad fis-sentenza de quo jidher li l-istess qorti hadet konjizzjoni ta’ dawn l-aggravji fil-mertu biss ikkunsidrathom bhala li “*jammontaw ghal sottomissjonijiet illi f’din is-sentenza l-Bord li Jirregola l-Kera ghamel apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemu.*” In effetti dik il-Qorti mhux talli rrilevat li tali apprezzament ma kienx sindakabbli fi stadju ta’ l-appell, talli wkoll ezaminat l-istess provi u ddikjarat li “*ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament akkurat u dettaljat tal-provi prodotti maghmul mill-Bord li Jirregola l-Kera, apprezzament illi wassal lill-imsemmi Bord sabiex fil-paragrafu enumerat tlettax (13) tas-sentenza appellata jikkonkludi <u>korrettement</u> illi:*
*“…..hawn si tratta ta’ trasferiment tal-kirja meta l-kirja kienet tghajjat lil Mary Anne Bonaci ….. Fl-ahhar is-sid gie*

*mitlub jaccetta dak li sar, meta ma dawwarx il-kirja fuq l-intimat John Bosco Bonaci, sar it-testment."*

Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-talba ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar, 2004 kif fuq indikat, qed tigi michuda bl-ispejjes kontra r-ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------